**KUNSILL LOKALI HAŻ-ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 35– 17 ta' Mejju 2017**

***Minuti tal-35 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar l-Erbgha, 17 ta' Mejju, 2017 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis-6:00 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 34. Il-laqgha bdiet fis-6:05 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apologija:** | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Hadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

**35.1 QARI TAL-ITTRI TAL-APOLOGIJI**

Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat lill-Kunsilliera prezenti li l-Vici-Sindku Alfred Grixti u l-Kunsillier Roderick Aquilina kienu nfurmaw li ma jistghux jattendu ghal dik il-laqgha minhabba impoenji ta' xoghol.

**35.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Is-Sindku Sarah Agius gabet ghall-approvazzjoni l-minuti tal-laqgha tat-18 ta' April. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Vernalise Scicluna. Il-minuti gew approvati unanimament. (132).

Is-Sindku Sarah Agius resqet ghall-approvazzjoni l-minuti tal-laqgha tas-26 ta' April. Hija sekondata mill-Kunsillier Philip Said. Il-minuti gew approvati unanimament (133).

**35.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

35.3.1 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsilliera li fi Triq il-Vittmi tal-Gwerra twehhel arblu mill-Enemalta u min-naha tal-Kunsill twehlet il-bozza.

35.3.2 Il-Kunsill qabel unanimament li jikkonsulta mal-Kunsillier Roderick Aquilina sabiex ikun ir-rapprezentant tal-Kunsill fuq il-bord li ser jirraprezenta lill-partijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-mixed use area li hemm Hal Mula. Il-Kunsill qabel ukoll unanimament li jahtar lill-Vici-Sindku Alfred Grixti bhala riserva. (134).

35.3.3 Is-Sindku Sarah Agius qalet li ghal darb'ohra giet avvicinata minn zviluppatur ta' binja gewwa Vjal il-Helsien fejn dan talab li parti mill-arblu li jdawwal it-triq jitnehha sabiex jakkomoda gallarija li ser tigi mibnija. Wara diskussjoni, ittiehed vot.

Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li din it-talba ma tigix milqugha.Il-Kunsillier Clive Azzopardi, ssekonda din il-mozzjoni.

Dawk favur: is-Sindku Sarah Agius, il-Kunsilliera Chris Bongailas, Clive Azzopardi , Vernalise Scicluna, Kevin Glynn, u Philip Said.

Dawk kontra : Hadd

Astensjonijiet: Il-Kunsillier George Cortis

Il-Kunsill m'approvax din it-talba. (135)

**35.4 BINI TA' CINT FI TRIQ DUN SALV CIAPPARA**

Il-Kunsill qabel unanimament li tintalab stima ta' kemm jigi jiswa cint madwar ghalqa mitluqa li hemm gewwa Triq Dun Salv Ciappara. Dan minhabba li wara laqgha li saret mal-Planning Authority, gie ssugerit li din l-ispiza tittiehed mill-UIF funds.

**35.5 KORS TAT-TCTC**

Il-Kunsill qabel unanimament li jhallas l-Eur1000 lit-TCTC sabiex ikun jista jsir il-kors tar—Robotica. Is-Segretarju nfurmat li hemm xi spiza ta' madwar Eur250 relatati ma' pustagg tal-istess kors. Kien hemm qbil unanimu (136).

**35.6 PERMESS ST. PHILIP'S RESTAURANT**

Wara li l-laqgha waqghet fi stadju ta' kumitat, gie deciz li din id-diskussjoni tigi posposta ghal-laqgha li jmiss, minhabba li l-Planning Authority ser tidddikuti din it-talba f'Lulju li gej.

**35.7 SERVIZZ TAL-KNIS**

Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li kien hemm appell quddiem il-PCRB mill-kuntrattur WM Environmetal. Ix-xoghol ghandu jibqa ghaddej kif kien ghaddej sakemm ma jinqata' l-appell.

**35.8 GNIEN L-INFETTI**

Wara li giet murija il-pjanta il-gdida ta' Gnien l-Infetti kif emendata, gie propost li l-guva tibqa fejn hi bhalissa, u fin-nofs issir gazebo. Kien hemm qbil unanimu.

**35.9 KIOSKS FEJN IL-GIANPULA**

Wara diskussjoni gie deciz li l-posti ghall-kiosks ta' fejn il-Gianpula ghandhom jibqghu dawn it-tlieta li hemm prezentament.

**35.10 PERMESSI – FESTA TA SAN FILEP**

Il-Kunsill qabel unanimament li l-attivita mill-Kazin Banda San Filep li ssir fi Triq Giovanni Pullicino issir bl-istess kundizzjonijiet li ssir is-soltu.

**35.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI BL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillier Clive Azzopardi pppropona li l-vot jigi approvat kif prezentat. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Wara diskussjoni, is-Sindku infurmat lill-Kunsill li ser tastjeni mill-vot lid-Do it All, il-Kunsillier Vernalise Scicluna nfurmat li ser tastjeni mill-vot lil Philip Seguna, filwaqt li l-Kunsillier Chris Bongailas nforma li ser jastjeni mill-vot lil Mario Cachia u d-Do it All. Kien hemm qbil unanimu ghall-kumplament tal-iskeda tal-pagamenti. (137)

**35.12 TWEGIBIET GHALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**35.13 TMIEM TAL-LAQGHA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

Il-laqgha spiccat fis-7:40pm. Id-data tal-laqgha li jmiss giet deciza li ser issir fis-26 ta' Gunju 2017.

**Sarah Agius**

**Sindku**

**Paula M. Valletta**

**Segretarju Ezekuttiv**